A.L. --- tal-2026

# ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT

# (KAP. 549)

## Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Inċinerazzjoni tal-Iskart fir-rigward tal-Emissjonijiet Industrijali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:

**Titolu.**

**L.S. 549.81.**

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Inċinerazzjoni tal-Iskart fir-rigward tal-Emissjonijiet Industrijali u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Inċinerazzjoni tal-Iskart fir-rigward tal-Emissjonijiet Industrijali, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

**Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.**

**2.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Dawn ir-regolamenti jimplimentaw parti mid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-Emissjonijiet Industrijali (il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis) u tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill kif emendata permezz tad-Direttiva 2024/1785/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024."

(b) Fis-subregolament (2) tiegħu, immedjatament wara l-kliem "Emissjonijiet Industrijali" għandhom jiżdiedu l-kliem "u Emissjonijiet mit-Trobbija tal-Bhejjem."

(c) Is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx jgħoddu għall-impjanti tal-gassifikazzjoni jew tal-pirolisi, jekk il-gassijiet jew il-likwidi li jirriżultaw minn tali trattament termiku tal-iskart jiġu ttrattati qabel l-inċinerazzjoni tagħhom sa tali punt li:

(a) l-inċinerazzjoni tikkawża emissjonijiet aktar baxxi mill-kombustjoni tal-karburanti li jniġġsu l-anqas disponibbli fis-suq li jistgħu jiġu maħruqa fl-installazzjoni;

(b) għall-emissjonijiet minbarra l-ossidi tan-nitroġenu, l-ossidi tal-kubrit u t-trab, l-inċinerazzjoni ma tikkawżax emissjonijiet ogħla minn dawk mill-inċinerazzjoni jew mill-koinċinerazzjoni tal-iskart."

**Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.**

**3.** Immedjatament wara s-subregolament (4) tiegħu għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(5) L-emissjonijiet fl-arja mill-impjanti tal-inċinerazzjoni u tal-koinċinerazzjoni tal-iskart

għandhom ukoll jiġu mmonitorjati matul kundizzjonijiet ta’ tħaddim mhux normali. L-emissjonijiet matul il-bidu u l-għeluq filwaqt li ma jkun qed jiġi inċinerat l-ebda skart, inklużi l-emissjonijiet ta’ PCDD/F u ta’ PCBs simili għad-diossini, għandhom jiġu stmati abbażi ta’ kampanji ta’ kejl, imwettqa f’intervalli regolari, bħal kull tliet snin, imwettqa matul l-operati ippjanati tal-bidu jew tal-għeluq. L-emissjonijiet ta’ PCDD/F u ta’ PCBs simili għad-diossini għandhom kemm jista’ jkun jiġu evitati jew minimizzati.”

**Iżid regolamenti ġodda 19A u 19B mar-regolamenti prinċipali.**

**4.** Immedjatament wara regolament 19 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu dawn iż-żewġ regolamenti ġodda li ġejjin:

**Penali amministrattivi.**

“**19A**. L-awtorità kompetenti tista’ alternattivament timponi penali amministrattiva skont l-Artikoli 80 u 81 tal-Att:

Iżda għall-aktar ksur serju mwettaq minn persuna ġuridika, l-ammont massimu tal-penali finanzjarja amministrattiva għandu jkun mill-anqas 3% tal-fatturat annwali tal-operatur fis-sena finanzjarja li tippreċedi s-sena li fiha tiġi imposta l-multa.”

**Kumpens.**

“**19B**. (1) Meta jkun seħħ dannu għas-saħħa tal-bniedem bħala riżultat ta’ ksur tal-miżuri nazzjonali adottati skont dawn ir-regolamenti, l-individwi affettwati għandhom id-dritt li jitolbu u jiksbu kumpens għal dak id-dannu mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi rilevanti.

(2) Ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali relatati mat-talbiet għal kumpens għandhom jitfasslu u jiġu applikati b’tali mod li ma jagħmlux l-eżerċizzju tad-dritt għal kumpens għal dannu kkawżat minn ksur skont is-subregolament (1) impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

(3) Azzjonijiet għal kumpens imsemmija fis-subregolament (1) jaqgħu bil-preskrizzjoni ta’ sentejn. Tali perjodu m’għandux jibda jiddekorri qabel ma l-ksur ikun waqaf u l-persuna li titlob il-kumpens tkun taf jew raġonevolment tista’ tkun mistennija li tkun taf li hija ġarrbet dannu minn ksur skont is-subregolament (1).”

**Jemenda l-Iskeda 5 tar-regolamenti prinċipali.**

**5.** Fil-paragrafu 1.2 tal-iskeda 5 tar-regolamenti prinċipali, is-sentenza “Is-sistemi ta’ kejl awtomizzati għandhom ikunu suġġetti għal kontoll permezz ta’ kejl parallel mal-metodi ta’ referenza mill-inqas darba fis-sena.” għandha tiġi sostitwita b’din li ġejja:

“Dan jgħodd ukoll għas-sistema li tiggarantixxi l-kwalità tal-laboratorju li jwettaq il-kampjunar u l-analiżi. Is-sistemi awtomatizzati ta’ kejl għandhom ikunu soġġetti għal kontroll permezz ta’ kejl parallel mal-metodi ta’ riferenza mill-anqas darba fis-sena.”

DRAFT